31987L0432

21.8.1987 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ L 239/1

# ID-DIRETTIVA TAL-KUNSILL

## tat-3 ta' Awissu 1987

## fuq it-tmien adattament għall-progress tekniku tad-Direttiva 67/548/KEE rigward l-approssimazzjoni tal-liġijiet, tar-regolamenti u tad-dispożizzjonijiet amministrattivi dwar il-klassifikazzjoni, l-imballaġġ u l-ittikkettjar ta' sustanzi perikolużi

(87/432/KEE)

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea,

Wara li kkunsidra d-Direttiva tal-Kunsill 67/548/KEE tas-27 ta' Ġunju 1967 rigward l-approssimazzjoni tal-liġijiet, tar-regolamenti u tad-dispożizzjonijiet amministrattivi dwar il-klassifikazzjoni, l-imballaġġ u l-ittikkettjar ta' sustanzi perikolużi ([1]), kif l-aħħar emendata bid-Direttiva tal-Kummissjoni 86/431/KEE ([2]), u partikolarment l-Artikoli 19 u 21 tagħha,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni

Billi huwa importanti li jkunu adottati miżuri għall-istabbiliment gradwali tas-suq intern matul perjodu li jagħlaq fil-31 ta' Diċembru 1992; billi s-suq intern jikkonsisti minn żona li m'għandux fruntieri interni u fejn il-moviment liberu tal-merkanzija, il-persuni, is-servizzi u l-kapital huwa żgurat;

Billi l-Anness I tad-Direttiva 67/548/KEE għandu lista ta' sustanzi perikolużi, flimkien ma' dettalji tal-proċeduri ta' klassifikazzjoni u tikkettjar fir-rigward ta' kull sustanza; billi l-eżami tal-lista wera li għandha bżonn tkun adattata fid-dawl ta' l-għarfien preżenti xjentifiku u tekniku; billi, partikolarment, jeħtieġ li tinbidel il-klassifikazzjoni u l-ittikkettjar ta' ċerti sustanzi, biex ikunu kjarifikati ċerti ismijiet, biex jissewwew ċerti numri tas-SAK (Servizz Astratt Kimiku) u biex jiddaħħlu sustanzi oħra fil-lista;

Billi l-Kumitat fuq l-Adattament għall-Progress Tekniku tad-Direttivi li jirrigwardaw l-Eliminazzjoni ta' Ostakoli Tekniċi fil-Kummerċ f'Sustanzi u Preparazzjonijiet Perikolużi, stabbilit bl-Artikolu 20 tad-Direttiva 67/548/KEE, ta opinjoni sfavorevoli fuq l-abbozz tal-miżuri li kien ntbagħatlu mill-Kummissjoni,

ADOTTA DIN ID-DIRETTIVA:

*Artikolu 1*

L-Anness I (lista ta' sustanzi perikolużi) tad-Direttiva 67/548/KEE huwa emendat kif ġej:

1. L-indikazzjoni, in-numru Sak, il-klassifikazzjoni u l-ittikkettjar tas-sustanzi li ġejjin għandhom jinbidlu b'dawk elenkati fl-Anness I ta' din id-Direttiva.

   N° 006-008-00-0

   N° 006-019-00-0

   N° 602-005-00-9

   N° 602-042-00-0

   N° 602-045-00-7

   N° 602-046-00-2

   N° 602-047-00-8

   N° 602-048-00-3

   N° 602-049-00-9

   N° 603-023-00-X

   N° 605-001-00-5

   N° 605-001-01-2

   N° 605-001-02-X

   N° 606-019-00-6

   N° 612-036-00-X

   N° 612-037-00-5

   N° 612-041-00-7

   N° 613-011-00-6

   N° 650-007-00-3.

([1]) ĠU C 196, tas-16.8.1967, p. 1.
([2]) ĠU L 247, ta' l-1.9.1986, p. 1.

2. Is-sustanzi elenkati fl-Anness II ta' din id-Direttiva għandhom jiżdiedu.

*Artikolu 2*

L-Istati Membri għandhom jadottaw u jippubblikaw qabel l-1 ta' April 1988 id-dispożizzjonijiet meħtieġa biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva. Għandhom jinfurmaw minnufih lill-Kummissjoni b'dan.

Għandhom japplikaw dawn id-dispożizzjonijiet mill-1 ta' Ottubru 1988 l-aktar tard.

*Artikolu 3*

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fit-3 ta' Awissu 1987.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

K. E. TYGESEN

*ANEXO I – BILAG I – ANHANG I – ΠΑΡΑΡΤΗΜΑ I – ANNEX I – ANNEXE I – ALLEGATO I – BIJLAGE I – ANEXO I – L-ANNESS I*

L-emendi għall-Anness I mhumiex riprodotti billi l-Anness kien sostitwit bid-Direttiva 1993/72/KE, ĠU L 258, tas-16.10.1993.

*ANEXO II – BILAG II – ANHANG II – ΠΑΡΑΡΤΗΜΑ II – ANNEX II – ANNEXE II – ALLEGATO II – BIJLAGE II – ANEXO II – L-ANNESS II*

L-emendi għall-Anness I mhumiex riprodotti billi l-Anness kien sostitwit bid-Direttiva 1993/72/KE, ĠU L 258, tas-16.10.1993.